# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Numru 2550

Każ Nru: 3304/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Angel Barbara (ID 95793M)

u

Treasure Breaks Ltd (C 39493)

Illum: 27 ta' Settembru, 2018

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Austin Gauci Maistre fl-20 ta' Ottubru, 2014 f'isem ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ddikjarat li bdiet taħdem ma' Club Destinations Travel & Service Ltd fid-19 ta' Awissu, 2013 bħala segretarja ta' *time-share* ġewwa d-Dolmen Hotel. Hi kienet b'kuntratt indefinit bi tliet xhur *probation.* F'Ottubru 2013, ix-xogħol tat-*time-share* tar-rikorrenti beda jsir mit-Topaz Hotel u ftit wara mill-Kennedy Nova Hotel. Dan ix-xogħol ma kienx sejjer tajjeb u r-rikorrenti ġiet *redundant* fil-31 ta' Diċembru, 2013 u l-impjieg ġie tterminat. Ir-rikorrenti ġiet avviċinata mill-*management* biex taċċetta xogħol ieħor ma' Treasure Breaks Ltd.

Ir-rikorrenti aċċettat u bdiet xogħol indefinit fl-1 ta' Jannar 2014 bħala *Stores Clerk*. L-indikazzjonijiet tax-xogħol kienu fl-*Accounts*, fl-HR u *Reception* iżda skont ir-rikorrenti beda jiżdied xogħol fl-*istores* ta' tqandil. Ir-rikorrent ipprovat tispjega lil tal-*Accounts* u l-HR li għandha għadma mqabbża fil-qafas ta' sidirha u li ċertu tqandil ma tistax tagħmlu. Fil-fatt qabel ma ġiet itterminata r-rikorrenti kienet *sick* minħabba konsegwenzi ta' uġigħ minħabba tqandil.

Wara li daħlet mis-*sick leave* ir-rikorrenti bdiet tinnota li xogħolha beda jonqos filwaqt li nfurmat l-HR li ma tistax tibqa' terfa' ċertu tqandil għax saħħitha sejra lura.

Fl-20 ta' Ġunju, 2014 ġiet infurmata mill-*General Manager* u l-HR li l-impjieg kien qed jiġi tterminat għal raġunijiet li kienet fuq *probation* u anke li peress li ma setgħetx tqandel ma kienx hemm xogħol ta' erbgħin siegħa għaliha fl-uffiċju tal-*Accounts* u l-HR. Qalulha wkoll li l-effiċjenza tar-rikorrenti dejjem kienet sejra lura.

Ir-rikorrenti fl-aħħar tiddikjara li l-impjieg tagħha ġie tterminat mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi u li s-soċjeta' intimata għandha tħallas kumpens xieraq tal-aġir abbużiv tagħha.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata permezz tal-Avukat Dr Pierre Lofaro, iddikjarat li l-ilmenti tar-rikorrenti huma inammissibbli u li r-rikorrenti ġiet itterminata fil-perjodu tal-*probation*.

U illi l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi u dan anke meta hija ma kinitx qed taqdi d-dmirijiet tal-impjieg tagħha bid-diliġenza dovuta.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri xehdu: ir-rikorrenti, Rachel Sammut Alessi – Direttur Treasure Breaks Ltd., Ray Bonanno – General Manager, Kennedy Nova Hotel, Tiziana Spiteri – Accounts, Treasure Breaks Ltd., Claudette Scerri – Operations Manager, Kennedy Nova Hotel, Mariella Grixti – DIER Officer u Anthony Sammut Alessi – Direttur Club Destination/ Treasure Breaks. Ġew esebiti wkoll xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet u deċiżjoni**

It-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk is-soċjeta' intimata, Treasure Breaks Ltd., kinitx ġusta u skont il-liġi meta tterminat l-impjieg tar-rikorrenti fil-*probation period* u wkoll għax ix-xogħol tar-rikorrenti ma kienx sodisfaċenti.

It-Tribunal innota li meta r-rikorrenti ġiet *redundant* minn ma' Club Destinations Ltd. ma kien hemm ebda forma ta' kontestazzjoni.

Ma' Treasure Breaks Ltd. ir-rikorrenti ġiet impjegata bħala *Stores Clerk*. Ma ġie ppreżentat l-ebda kuntratt u *job description*. Iżda huwa fatt f'din iċ-ċirkostanza li l-*probation period* huwa ta' sitt (6) xhur skont il-liġi.

Rigward ix-xogħol ta' *Stores Clerk* jidher li s-soċjeta' intimata ħadet vantaġġ mhux ħażin fuq ir-rikorrenti li mingħaliha kien se jkun xogħol ta' *inputting* fuq kompjuter. Il-fatti wrew

li kien xogħol varju li kien jinkludi anke xogħol manwali ta' tqandil apparti xogħol ieħor relatat ma' HR u *Accounts*. Hawnhekk jidher li kien hemm element ta' sfruttament mis-soċjeta' intimata inkluż nuqqas ta' komprensjoni meta r-rikorrenti batiet fiżikament bix-xogħol ta' tqandil u għaldaqstant mhux aċċettata l-akkuża li r-rikorrenti ma kinitx sodisfaċenti f'xogħolha.

Jibqa' l-fatt iżda li r-rikorrenti ġiet itterminata fil-*probation* li fiċ-ċirkustanzi tal-każ kienet ta' sitt (6) xhur skont il-liġi. Il-Kumpaniji Club Destinations Ltd u Treasure Breaks Ltd huma separati u distinti avolja huma tal-istess *shareholders*. Għaldaqstant iż-żewġ soċjetajiet imxew skont il-liġi fil-proċessi ta' ingaġġ u terminazzjoni tal-impjiegi inkluż il-*probation period.*

Meħuda in-konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, ix-xhieda mismugħa, id-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jagħti raġun lis-soċjeta' intimata li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret skont il-liġi.

Għall-finijiet tal-kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
CHAIRMAN

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja